# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

JANNAR 1934] IT-TIELET SENA [Nru 35

## IMAQDRUH GĦAX MA JAFUHX

Ir-rebħa tal-Malti fi qlub il-Maltin, uliedu, sejjra dejjem tikber u fi qlub il-mirbuħin titnissel ġibda li tkebbes xrara ta' mħabba lejn il-Malti. Ħafna li sal-bieraħ kienu mqabbdin f'taqbida tal-mewt mal-Malti, illum imgħannqin miegħu f'tgħanniqa ta' ħbeberija. Imma l-għedewwa għadhom ma naqsux għal kollox; it-tfixkil għadu sejjer, għadu jinstama' t-tmaqdir, għalkemm dgħajjef bħal karba ta' min sa jmut.

U għaliex imaqdru tagħlim il-Malti? Għax il-Malti, jgħidulek, mhux ħlief taħwida ta' ftit kliem, min jaf mnejn ġejj! ma' ħafna kliem ta' nisel taljan u mħawwar bi ftit kliem ingliż; għax il-kitba tal-Malti hi taħbila li ma tista' ssibilha qatt it-tarf; kullħadd iħawwad u jħabbel mill-aħjar li jista'. U dawk li jgħidu dal-kliem jafu jiktbu bl-ingliż u x'uħud jafu jiktbu wkoll bil-franċiż u bil-latin, u l-kitba ta' dawn l-ilsna jsibuha ħafifa rix, bla ebda tfixkil u bla ebda taħbil!

Iżda jekk nistaqsuhom: Qrajtu xi ħaġa bil-Malti? Qatt ħlejtu nofs siegħa biss mill-għomor tagħkom biex taraw ftit kif inhi maħduma l-kitba tal-Malti? aktarx li jweġbuna li qatt ma qraw xejn ħlief xi gażetta. U b'dak il-ftit tħarbix li qraw fil-gażetti jidhrilhom li saru għorrief biżżejjed biex ikunu mħallfin tal-kitba tagħna. Qatt ma qraw vers wieħed ta' Dun Karm, qatt ma qraw imqar kelmtejn tal-Prof. Tem. Zammit, qatt ma qallbu ftit wieħed il-kotba tas-Sur Nin Cremona u tas-Sur Ġann Vassallo fuq l-ortografija tagħna u mbagħad għandhom il-wiċċ igħidu li dil-kitba mhix ħlief taħwid u taħbil.

Fhimnieha l-marda. Il-Malti jmaqdruh għax ma jafuhx. Jidhrilhom li l-Malti kollu jixbah jew għandu jkun jixbah lil dak il-Malti tal-gażetti u ta' xi kotba. Jekk dan hu mħaw-

wad u mħabbel mela l-Malti kollu hu mħawwad u mħabbel. Min ma jarax x'għelt hu dan kemm hu kbir.

Min ma jridx ifaħħar il-Malti, min ma jaqbelx mal-fehmiet tagħna ma nindaħlulux. Imma ma naħmlux min imaqdar dak li ma jafx Il-bniedem għandu d-dehen li bih jagħraf it-tajjeb u l-ħażin, jagħraf it-tajjeb u jħoss x'jiġbdu lejh, jagħraf il-ħażin u jħoss x'ibegħdu minnu. Dak li ma jagħarfux u la bħala tajjeb u la bħala ħażin, il-bniedem ma jħoss xejn għalih u la ġibda u la firda. Għalhekk il-bniedem, li jrid jinqeda bid-dehen ta' moħħu ma għandu la jfaħħar u l-anqas imaqdar jekk ma jkunx għaraf qabel jekk dik il-ħaġa hix tajjba jew ħażina.

U issa lil dawk li għadhom imaqdruna nistednuhom, mhux biex ifaħħruna jew biex jaqblu magħna iżda biex jagħarfu sewwa l-kitba tagħna. Jekk, wara li jkunu għarfuha, jibqgħu bil-fehma li hi mħawwda u mħabbla, juruna bil-miktub fejn hu' t-taħwid u t-taħbil biex aħna nsewwuh, iżda jekk isibuha mibnija fuq is-sħiħ u mqabbla fit-taqsim tagħha, jisktu mit-tmegħir tagħhom, u jekk ma jridux ikunu ħbieb, għallinqas ma jkunux għedewwa.